

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000228/2011

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Anneli Jääteenmäki, Jelko Kacin, Marietje Schaake, Baroness Sarah Ludford, Ivo Vajgl,
Charles Goerens**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Trattat dwar il-kummerċ tal-armi

L-Istati Membri tal-UE huma esportaturi tal-armi sinifikanti. Sebghha mill-għaxar l-ikbar esportaturi tal-armi fid-dinja jiġu mill-UE. Fis-snin reċenti, ħafna pajjiżi tal-UE esportaw armi u teknoloġiji tal-armi lejn l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani (inklużi l-Libja, l-Eġittu, it-Tuneżija, il-Jemen u l-Baħrejn), u l-Italja u Franzia l-aħħar li esportaw l-armi lejn il-Libja saħansitra kien fl-2010.

M'hemm l-ebda norma globali dwar it-trasferiment tal-armi. In-NU tinsab fil-proċess li jipprepara trattat dwar il-kummerċ globali tal-armi u se torganizza konferenza dwar it-trattat fl-2012. Grupp ta' ħidma ġie stabbilit is-sajf li għaddha biex jipprepara t-trattat u l-konferenza. Il-grupp ta' ħidma s'issa Itaqqa' darbejn u se jerġa' jiltaqa' f'Lulju ta' din is-sena.

Il-korruzzjoni fis-settur tas-sigurtà u d-difiża, b'mod partikolari fil-kummerċ tal-armi, hija problema kbira b'diversi aspetti u jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni. Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-Kontroll ta' Espoṛtazzjonijiet ta' Teknoloġija u Tagħmir Militari (2008) ma tinkludi l-ebda artikolu dwar il-korruzzjoni.

1. X'inhuma l-prioritajiet tal-UE għat-trattat dwar il-kummerċ globali tal-armi?
2. L-UE kif biċċsiebha tiżgura li fit-trattat dwar il-kummerċ globali tal-armi jkun hemm kriterji suffiċjenti dwar il-korruzzjoni? X'inhuma n-normi ta' referenza tal-UE?
3. Is-SEAE/il-Kummissjoni biċċiebhom jippreparaw pożizzjoni komuni tal-UE dwar il-korruzzjoni fil-kummerċ tal-armi, jew bħalissa qed isiru tħejjjiet tali?

Imressqa: 3.10.2011

Mgħoddija: 5.10.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 12.10.2011